Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 211/2015

Il-Pulizja

Spettur Jason Francis Sultana

Spettur Joseph Agius

Vs

Charles Sciberras

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Sciberras, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 324775M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-06 ta' Lulju, 2014, ghall-habta ta' 17:00hrs gewwa Triq l-Ljun, Hal Qormi

1. Ikkommetta serq ta' oggetti ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' €232.94 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Lawrence Micallef detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 44876M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAR938 u dan bi ksur ta' 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hseib b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga

accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' Artiklu 41(a), 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta' Lawrence Micallef detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 44873M bhala sid il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAR938 u dan bi ksur ta' Artiklu 251B(1) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli nhar is-06 ta' Lulju, 2014 ghall-habta ta' 17:00hrs ta' filghaxija gewwa dawn il-gzejjer kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D) b'digriet datat 28 ta' April, 2014 li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza ruhu kuljum u li ma jaghmilx reat iehor.

5. U aktar talli nhar is-06 ta' Lulju, 2014 ghall-habta ta' 17:00hrs ta' filghaxija gewwa dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 05 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza ruhu kuljum u li ma jaghmilx reat iehor.

6. U aktar talli f'l-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u cioe kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u cioe sentenza datata 31 ta' Ottubru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna illi kwalunkwe garanzija jew depozitu jigu mghoddija favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *'contratio imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Charles Sciberras.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex titratta ma Charles Sciberras bhala recediv ta' sentenza mposta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai terminu ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-15 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u s-sitt imputazzjoni, u fil-waqt li ma sabitx lill-imputat hati tar-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tillliberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(g), 263(a), 264(1), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabithu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni instab hati ta' tentattiv u mhux tar-reat ikkunsmat, u kkundannatu tmintax il-xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta Charles Sciberras, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma fejn hija astjeniet ghar-rigward tat-tieni u l-hames imputazzjoni u fejn illiberat ai termini tar-raba' u l-hames akkuza izda li rriformat is-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputazzjonijiet rimanenti billi tillberah minn kull htija jew piena ai termini tal-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Charles Sciberras esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li l-imsemmija Qorti ma setghetx issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza u ddikjarat li dan kien attentat ta' serq. Kif hija stess gustament rrilevat fl-artikoli li gew mibghuta mill-Avukat Generli l-artikolu tal-attentat ai termini tal-Kodici Kriminali ma giex citiat. Abbazi ta' dan il-fatt l-istess Qorti gustament illiberat lill-esponenti mit-tieni akkuza li kienet propju dik ta' attentat ta' serq. Allura l-esponenti umilment jissottometti li l-Qorti ma setghetx issibu hati taht l-ewwel akkuza u tikkwalifika bhala 'qed jinstab hati ta' tentattiv ta' serq'. Fil-fatt minn ezami tal-atti wiehed jista' facilment jgharaf li l-imsemmija Qorti kellha quddiemha sitwazzjoni fejn l-esponenti ma giex akkuzat bir-reat ta' attentat u

allura qieghed jigi umilment sottomess li ma setghetx fl-ewwel akkuza ssibu hati ta' attentat ta' serq.

Fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju l-esponenti umilment jissottometti li r-reat ta' serq kif inkwadrat fl-ewwel akkuza ma setghax b'ebda mod jirrizulta. Di fatti l-esponenti mhux qighed jichad li dahal fil-propjeta ta' terzi persuni, pero' hemm dubbju dwar l-ewwel jekk giex kunsmat ir-reat ta' serq u t-tieni jekk kienux atti ezekuttivi ghat-twettieq tar-reat. Zgur mhux forsi jrid jinghad li l-oggetti li kellu f'idejh f'ebda mument ma hargu mill-isfera tal-pussess tal-propjetarju. Mhux biss imma l-fatt li persunaq tidhol f'vettura li taqbad oggetti ma jfisserx li dawn kienu atti ezekuttivi u univoci ghat-twettiq tar-reat izda atti li jistghu jiehdu f'direzzjoni differenti. Ghalhekk l-espoenneti umilment jissottometti li la r-reat ta' serq u anqas l-attentat tieghu ma jirrizultaw.

Fit-tielet lok u dan ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti umilment jissottometti li l-piena tentut kont tal-fatti specie tal-kaz kienet iktar qawwija fil-kalatura taghha. Li persuna tipprova tisraq radju li jiswa bil-kemm kemm hamsin ewro (€50) ma jikkomportax li jinghata piena karcerarja ta' tminetax il-xahar prigunerija. L-esponenti ma huwiex jiddisputa dwar il-passat tieghu. Vera li agixxa zbaljatament mas-socjeta' pero' llum bhala persuna riformata u ri-integrata fis-socjeta' setghu forsi titresqu lill-Qorti konsiderazzjonijiet differenti li jikkomportaw piena differenti minn dak li nghata.

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti iqanqal kwistjoni ta' dritt fejn l-appellanti jilmenta illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati tar-reat tat-tentattiv ta' serq meta l-artikolu tal-ligi relattiv fil-Kodici Kriminali u cioe' l-artikolu 41 ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Jikkontendi fil-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet marbuta mat-termini tar-rinviju li kien jindika li tista' tinstab htija ghar-reat ikkunsmat izda mhux ghat-tentattiv tieghu.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tosserva illi l-appellanti ma ghandux ragun. Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju maghmula skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, jikkwota, bhala disposizzjonijiet li tahthom tista' tinstab htija r-reati ikkontemplati fl-artikoli 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) u 281(a) tal-Kap.9 fost reati ohra li ma humiex rilevanti ai fini ta' dina l-lanjanza ventilata mill-appellanti. Dawn id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali in essenza jitkellmu fuq ir-reat ikkunsmat tas-serq aggravat. Ma jidhirx illi l-Avukat Generali indika l-artikolu 41 li jikkontempla it-tentattiv tar-reat. Issa huwa mghallem fil-gurisprudenza illi:

***"Meta ... ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.[1]"***

Huwa pacifiku allura li meta l-Avukat Generali jibghat lura l-atti tal-kumpilazzjoni biex il-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati, l-unika haga li biha tkun vinkolata dik il-Qorti hija illi m'ghandhiex aktar tikkunsidra li mill-fatti tista' tislet xi reat iehor mhux indikat mill-Avukat Generali li hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti tal-Magistrati izda tibqa' libera ghal kull haga ohra. Kwindi ma hemm xejn x'josta lill-Ewwel Qorti gjaldarba saret kompetenti li tiddeciedi l-kawza illi issib htija tat-

[1] Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 07/12/2001 App.Krim

tentattiv tar-reat dedott mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju[2]. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti, imbaghad jilmenta illi l-Ewwel Qorti malament sabet htija tat-tentattiv tar-reat ta' serq billi kienu neqsin ir-rekwiziti tal-ligi li isawwru dan l-istitut legali fosthom li ma kienx hemm l-atti ezekuttivi mehtiega sabiex tinstab il-htija. Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: "Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in

[2] Ara ukoll Il-Pulizija v. Godfrey Seisun et. App. Krim. 2/5/1994

pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."

Illi l-atti maghmula mill-imputat kienu is-segwenti:

1. Kisser il-hgiega tal-vettura tal-parti leza u ghalhekk kien hemm l-isgass.
2. Ha oggetti minn gewwa l-vettura fosthom CD player u CDs
3. Inqabad fil-fatt mill-parti leza hdejn il-vettura tieghu bil-hiega imkissra u bl-oggetti f'idejh biex b'hekk giet sfrattata l-intenzjoni kriminuza.

Illi allura ma hemmx dubbju illi l-appellanti mhux biss ghamel dawk l-atti kollha sabiex jipprepara ruhu biex jikkometti ir-reat izda ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi kien hemm '*forced entry*' fil-vettura u it-tehid ta'l-oggetti proprjeta tal-vittma. Izda il-garr ta' dawn l-oggetti mill-isfera tal-pussess tal-vittma gie sfrattat mill-vittma stess meta dan intercettah hdejn il-vettura tieghu u gieh suspett li kien qed jisirqu. B'hekk l-appellanti ma kellux success fl-intenzjoni kriminuza tieghu ghaliex gie sfrattat mill-ezekuzzjoni tad-delitt minn xi haga indipendenti mill-volonta tieghu. Kwindi dan l-aggravvju ukoll huwa insostenibbli u qed jigi rigettat.

Finalment dwar il-piena erogata fil-konfront ta'l-appellanti, din il-Qorti tistqarr li ma tara l-ebda mottiv 'il ghala ghandha tiddipartixxi mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li ikundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija u dan wara li hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz allura il-fatt li l-appellanti kien recidiv kif tixhed il-fedina penali voluminuza tieghu. Qieset ukoll illi piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija ma setatx tghin fir-riforma ta'l-appellanti billi huwa kien inghata diversi opportunitajiet precedentement mill-qrati taghna, izda l-appellanti baqa' fit-triq tad-delinkwenza. Billi allura l-piena erogata hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi, dan l-aggravvju ukoll qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur